MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1188/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**1. Valletta Football Club**
**2. Emmanuel sive Benny Pace (I.D. 693236M)**
**3. Joseph Caruana Curran (I.D. 31758M)**
**4. Vincent Micallef (I.D. 36544M)**

**Il-Qorti -**

**Rat** ir-rikors guramentat prezentat fit-30 ta' Novembru 2009 a fol. 1 tal-process li jaqra hekk -

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima datat fl-1 ta' Marzu*

*1999 (Dok. A) is-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet facilitajiet bankarji lil 'Valletta Football Club' ;*

*2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' 'Valletta Football Club' fis-somma ta' hames mija u sitta u sebghin elf, tlett mija u hamsa u tmenin Ewro u centezmu (€576,385.01) bilanc ghad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' ta' Valletta Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B4", "C1" sa "C63") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-27 ta' Ottubru 2009 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*3. Illi permezz ta' zewg skritturi privati datati fil-15 ta' Awissu 1998 u fil-5 ta' Lulju 1999 (Dok. 'D' u 'E') il-konvenuti Emmanuel sive Benny Pace, Joseph Caruana Curran, u Vincent Micallef iggarawntew flimkien u "in solidum" ma' Valletta Football Club sal-valur ta' mitejn u tnejn u tletin elf, disa' mija u tmienja u tletin Ewro (€232,938) ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Valletta Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. ;*

*4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti "A", "D" u "E") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Valletta Football Club, Emmanuel sive Benny Pace, Joseph Caruana Curran, u Vincent Micallef, (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Valletta Football Club, Emmanuel sive Benny Pace, Joseph Caruana Curran, u Vincent Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici ;*

*5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment ;*

*6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' erba' ittri ufficjali datati fis-17 ta' Awissu 2009 (Dok. 'F, G u H'), u fid-19 ta' Awissuli kopja taghha qed tigi hawn esebita u*

*mmarkata Dok "F", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skritturi fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "D" u "E") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Valletta Football Club, Emmanuel sive Benny Pace, Joseph Caruana Curran u Vincent Micallef (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Valletta Football Club, Emmanuel sive Benny Pace, Joseph Caruana Curran, u Vincent Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*2. Tikkundanna lil Valletta Football Club ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sitta u sebghin elf, tlett mija u hamsa u tmenin Ewro u centezmu (€576,385.01) bilanc ghad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' ta' Valletta Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B4", "C1" sa "C63") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-27 ta' Ottubru 2009 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*3. Tikkundanna lil Emmanuel sive Benny Pace, Joseph Caruana Curran, u Vincent Micallef flimkien u 'in solidum' ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) parti mill-bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Valletta Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B4", "C1" sa*

*“C63”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-15 ta’ Awissu 1998 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*4. Tikkundanna lil Emmanuel sive Benny Pace, Joseph Caruana Curran, u Vincent Micallef flimkien u ‘in solidum’ ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) parti mill-bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Valletta Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1” sa “B4", “C1” sa “C63”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-5 ta’ Lulju 1999 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-erba’ ittra ufficjali datati fis-17 u fid-19 ta’ Awissu 2009 u bir-rizerva ghas-subizzjoni.*

**Rat** l-elenku ta’ dokumenti esebiti mis-socjeta’ attrici flimkien mal-lista tal-persuni li indikat bhala xhieda.

**Rat** li r-rikors guramentat kien debitament notifikat lill-konvenuti li min-naha taghhom ilkoll naqsu milli jipprezentaw risposta guramentata u hekk baqghu kontumaci.

**Rat** li l-konvenuti kienu wkoll debitament notifikati bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

**Rat** in-nota ta’ cessjoni prezentata fl-udjenza tat-18 ta’ Marzu 2010 mill-bank attur fejn l-atti tal-kawza kienu ceduti limitatament fil-konfront tal-konvenuti Emmanuel sive’ Benny Pace, Joseph Caruana Curran u Vincent Micallef filwaqt li zammet Fermi u shah il-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenuta Valletta Football Club.

**Rat** in-nota tal-bank attur prezentata fl-udjenza tat-18 ta’ Marzu 2010 fejn irriduciet il-pretensjoni taghha ghas-somma ta’ mitejn u tlitt elef hames mija sebgha u ghoxrin Ewro tnax-il centezmu (€203,527.12) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Frar 2010 sal-jum tal-pagament effettiv.

**Rat** in-nota tal-konvenut Valletta Football Club prezentata fl-udjenza tat-18 ta’ Marzu 2010 fejn ammetta l-

pretensjonijiet attrici kif ridotti u fejn accetta li jhallas l-ispejjez ta’ din il-kawza.

**Ezaminat** l-atti tal-kawza.

**Fuq ammissjoni tal-konvenut Valletta Football Club, tiddeciedi -**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha attrici fil-konfront tal-konvenuti Emmanuel sive’ Benny Pace, Joseph Caruana Curran u Vincent Micallef stante cessjoni tal-atti tal-kawza mill-bank attur fil-konfront taghhom.**

**Tilqa’ l-ewwel talba attrici limitatament fil-konfront tal-konvenut Valletta Football Club.**

**Tilqa’ t-tieni talba attrici kif ridotta u dedotta kontra l-konvenut Valletta Football Club u tikkundanna lill-istess konvenut Valletta Football Club sabiex ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ta’ mitejn u tlett elef hames mija u sebgha u ghoxrin Ewro u tnax-il centezmu (€203,527.12) bilanc ghad-debitu fil-‘*Loan u Overdraft Accounts’* ta’ l-istess Valletta Football Club mal-kumpannija attrici flimkien ma’ l-imghax ulterjuri b’effett mill-1 ta’ Frar 2010 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut Valletta Football Club sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta’ din il-kawza nkluzi l-ispejjez tal-erba’ ittra ufficjali datati fis-17 u fid-19 ta’ Awissu 2009.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------